Il-Papa qed jistedinna biex matul ix-xahar ta’ Novembru ningħaqdu flimkien u nitolbu biex l-Insara fl-Asja, waqt li jagħtu xhieda tal-Vanġelu bil-kliem u fl-għemil, iġibu ’l quddiem id-djalogu, il-paċi u l-ftehim ma’ kulħadd, speċjalment dawk ta’ reliġjonijiet differenti.



**Qari:** *L-indirizz ta’ Papa Franġisku waqt laqgħa inter-reliġjuża u ekumenika li saret fi Sri Lanka fis-sena 2015*

Nirringrazzjakom tal-opportunità li tajtuni biex nieħu sehem f'din il-laqgħa li qed tlaqqa' flimkien, fost l-oħrajn, l-erba' komunitajiet reliġjużi li huma integrati fl-ħajja ta’ Sri Lanka: il-Buddiżmu, l-Induiżmu, l-Islam u l-Kristjaneżmu.
Nispera li din iż-żjara tiegħi tgħin biex tinkoraġġixxi u ssaħħaħ kull forma ta’ kooperazzjoni interreliġjuża u ekumenika li saret f’dawn l-aħħar snin. Dawn l-inizjattivi, li huma ta’ min ifaħħarhom, offrew opportunitajiet għal djalogu, li hu essenzjali jekk aħna rridu nsiru nafu, nifhmu u nirrispettaw lil xulxin. Iżda, kif l-esperjenza wrietna, biex dan id-djalogu u dawn il-laqgħat ikunu effettivi, irid ikollhom l-għeruq tagħhom fi preżentazzjoni sħiha u ċara tal-konvinzjonijiet rispettivi tagħna. Żgur, djalogu bħal dan, juri iktar kemm huma differenti it-twemmin, it-tradizzjonijiet u l-prattiċi tagħna. Iżda, jekk aħna nkunu onesti meta nippreżentaw il-konvinzjonijiet tagħna, inkunu nistgħu naraw b’mod aktar ċar dak li għandna komuni. B’hekk jinfetħu toroq ġodda ħalli jkollna aktar stima lejn xulxin, kooperazzjoni, kif ukoll ħbiberija.

Mulej, aħna lkoll ħolqien tiegħek, u inti ħlaqtna xbieha tiegħek.
Int Mulej poġġejt l-ispirtu tat-tajjeb
u x-xewqa għat-tajjeb fil-bniedem,
u għalhekk għandna dejjem naħdmu
sabiex inġibu ’l quddiem id-djalogu,
il-paċi u l-ftehim ma’ kulħadd,
speċjalment ma’ dawk ta’ reliġjonijiet differenti.
Iżda aħna Mulej ninsew il-fatt li aħna lkoll ħolqien tiegħek
u maħluqin xbieha tiegħek.
Ħafna drabi aħna niffukaw biss fuq id-differenzi ta’ bejnietna,
u ninsew li hemm ukoll affarijiet li huma l-istess f’kull reliġjon,
bħall-imħabba lejn bnedmin oħra.
Ġesù, inti lilna l-Insara tgħidilna
li l-unika ħaġa li tagħmilna dixxipli tiegħek hi li nħobbu lil xulxin.
Żgur li tixtieq tara n-nies tad-dinja kollha jifhmu u jirrispettaw lil xulxin.

Żgur li tridna nikkoperaw ma’ xulxin ħalli nsiru ħbieb ta’ xulxin.
Mulej ma naħsibx li hi xi ħaġa faċli
li tgħix f’pajjiż fejn tkun ippersegwitat minħabba t-twemmin tiegħek,
jew għax inti tkun meqjus bħala parti mill-minoranza.
Għalhekk, Mulej, nixtieq nitlob għal dawk l-Insara,
speċjalment il-Kattoliċi li jgħixu fl-Asja,
li qegħdin fil-minoranza u li jinsabu ppersegwitati.
Kun int Mulej kenn u faraġ għalihom,
l-iktar meta jħossuhom weħidhom,
ħalli jgħixu tassew l-imħabba, il-ferħ u l-paċi li Inti biss tista’ toffri.
Agħtihom id-dehen ħalli jkunu jistgħu jagħrfu
li f’kull reliġjon hemm it-tajjeb, u b’hekk isiru iktar tolleranti
u jibdew ifittxu dak li jgħaqqadhom u mhux dak li jifridhom.
Nitolbuk ukoll biex, kif talabna l-Papa, l-Insara fl-Asja,
waqt li jagħtu xhieda tal-Vanġelu bil-kliem u fl-għemil,
iġibu ’l quddiem id-djalogu, il-paċi u l-ftehim ma’ kulħadd,
speċjalment ma’ dawk ta’ reliġjonijiet differenti.
Ma naħsibx li dan li jixtieqna nitolbu għalih il-Papa hu xi ħaġa faċli,
imma l-Papa Franġisku qiegħed ifakkarna li,
fil-Konċilju Vatikan II, il-Knisja Kattolika kienet iddikjarat
ir-rispett profond u dejjiemi li għandha għar-reliġjonijiet l-oħra.
Mulej, nitolbuk sabiex l-Insara jkunu minn tal-ewwel
li ma jirrifjutaw “xejn minn dak li hu veru u qaddis f'dawn ir-reliġjonijiet”,
ħalli jkunu jistgħu jikkoperaw bejniethom
u b’hekk jibdew iħobbu u jirrispettaw lil xulxin.

**KANT**

**Qari:** *L-indirizz ta’ Papa Franġisku waqt laqgħa inter-reliġjuża u ekumenika li saret fi Sri Lanka fis-sena 2015*

Hija x-xewqa tiegħi li l-koperazzjoni inter-reliġjuża u ekumenika turi li l-ebda raġel jew mara m’għandu għalfejn jabbanduna l-identità tiegħu, sew dik etnika jew reliġjuża, biex ikun jista’ jgħix f’armonija ma’ ħutu. Hemm ħafna modi kif is-segwaċi tar-reliġjonijiet differenti jistgħu jwettqu dan is-servizz! Kemm hawn bżonnijiet li rridu ndewwu bil-balzmu li jfejjaq, tas-solidarjetà bejn l-aħwa! Qed naħseb partikolarment fil-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-foqra, ta’ dawk li qed jgħixu fil-miżerja, ta’ dawk li jixtiequ jisimgħu kelma ta’ faraġ u ta’ tama. Hawnhekk qed naħseb ukoll f’dawk il-familji li qegħdin jibku t-telfa tal-maħbubin tagħhom. Barra minn hekk, f’dan il-mument tal-istorja ta’ pajjiżkom, kemm hawn nies ta’ rieda tajba li qed jippruvaw jerġgħu jibnu s-sisien morali tas-soċjetà in ġenerali?

Jalla l-ispirtu li qed jikber ta' koperazzjoni bejn il-mexxejja tal-komunitajiet reliġjużi differenti, jissarraf f'impenn biex ipoġġi r-rikonċiljazzjoni bejn in-nies kollha ta' Sri Lanka fil-qalba ta' kull sforz biex jiġġeddu s-soċjetà u l-istituzzjonijiet tagħha. Fl-interess tal-paċi, it-twemmin reliġjuż m'għandu qatt jintuża fil-kawża ta' vjolenza u gwerra. Għandna nkunu ċari u bla tlaqliq biex nisfidaw il-komunitajiet tagħna ħalli jgħixu fis-sħiħ il-prinċipji tal-paċi u l-koeżistenza li ssibhom f'kull reliġjon, u biex jiddenunzjaw atti ta' vjolenza meta dawn isiru.

Mulej Alla Missier li tista' kollox, nitolbuk sabiex tgħinna
ħalli nsiru aktar konxji ta' ħutna madwar id-dinja
li għandhom bżonn l-appoġġ tagħna waqt li huma qed isofru
biex ikomplu jistqarru l-fidi tagħhom fik u f'Ibnek Ġesù Kristu,
kif ukoll waqt li jkunu qed jippruvaw jikkoperaw ma' dawk ta' reliġjon oħra.
Agħihom il-kuraġġ ħalli jimpenjaw ruħhom
biex ifittxu modi ta' ħidma flimkien,
li jwasslu għar-rikonċiljazzjoni
bejn in-nies li jħaddnu reliġjonijiet differenti.
Jalla huma jkomplu jaħdmu flimkien biex jibnu dinja aħjar
u jfittxu l-affarijiet li huma komuni bejniethom,
biex fid-diskussjonijiet ta' bejniethom,
jitilqu mill-punt ta' għaqda.
Imliehom bl-ispirtu tiegħek ħalli jkunu kapaċi juru rispett u tolleranza
f'dawk l-affarijiet li jagħmluhom differenti.
Mulej, għinhom ħalli jħossu l-preżenza tiegħek f'kull mument fil-ħajja tagħhom,
biex b'hekk ipoġġu l-fiduċja kollha tagħhom fik.
Nitolbuk Mulej biex tkun magħhom
fid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom kuljum.
Agħtihom id-dehen u l-qawwa sabiex bħalek
ikunu lesti li jaħfru lil min ikun qed jippersegwitahom.
Mulej, nitolbuk sabiex il-mexxejja tar-reliġjonijiet kollha,
speċjalment dawk Insara fl-Asja, ikunu għajn ta' tama u dawl fid-dlam,
billi jaħdmu sabiex joħolqu djalogu
li jwassal biex ilkoll ikunu ta' servizz għal xulxin
u jaħdmu għall-ġid komuni.

**KANT**

**Nitolbu Flimkien**

Mulej, nitolbok għall-Insara kollha li jgħixu fl-Asja sabiex, b'kuraġġ u b'ġenerożità, jirbħu l-preġudizzji u jfittxu l-għaqda ma' nies ta' twemmin ieħor kull fejn jgħixu biex b'hekk jġibu 'l quddiem id-djalogu, il-paċi u l-ftehim ma' nies ta' kultura u reliġjonijiet oħra.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej

Nitolbu sabiex l-Insara fl-Asja, meta jagħmlu l-għażliet tagħhom ta' kuljum, jagħmluhom mhux biex juru li r-reliġjon Nisranija hija l-aqwa u l-aħjar, imma biex juru kemm iħobbu, jirrispettaw u jittoleraw lil xulxin kif xtaq Kristu.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu biex in-nies tal-Asja, huma ta' liema reliġjon huma, jeliminaw il-firdiet, kemm nazzjonali u kemm dawk reliġjużi, biex b'hekk dejjem iħarsu iktar lejn dak li jgħaqqadhom milli dak li jifridhom.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu sabiex aħna bħala Nsara, inkunu fejn inkunu, nagħrfu t-tajjeb li hemm fl-oħrajn u dejjem nagħtu xhieda ta' kemm hi sabiħa l-għaqda bejn il-bnedmin, ikunu ta liema reliġjon ikunu.

Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu sabiex aħna l-Maltin inkunu kapaċi nirriflettu fuq l-għażliet li nagħmlu ta' kuljum, li forsi juru kemm m'aħniex tolleranti meta nitkellmu dwar barranin jew nies ta' reliġjonijiet oħra, ħalli b'hekk nagħtu xhieda tal-imhabba ta' Kristu billi nuruhom rispett.

Nitolbu…. Ismagħna nitolbuk Mulej.